

Brussell, 12 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

15946/22

MOG 140
COPS 609
CFSP/PESC 1707
COHAFA 120
RELEX 1720
YEMEN 2

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Jemen

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Jemen, adottati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fit-12 ta' Diċembru 2022.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IL-JEMEN

1. Filwaqt li tfakkar fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill preċedenti tagħha dwar il-Jemen tal-2018 u l-2019, l-UE ssegwi mill-qrib u bi tħassib kbir l-iżviluppi fil-pajjiż hekk kif is-sitwazzjoni politika baqgħet staġnata. Mill-aħħar Konklużjonijiet tal-Kunsill 'l hawn, il-ħidma tal-UE mal-Jemen twessgħet u saret aktar profonda. L-UE u l-istituzzjonijiet tagħha huma atturi ewlenin fl-appoġġ internazzjonali għall-isforzi tan-NU għall-paċi, kif ukoll fl-affarijiet umanitarji.
2. L-UE tafferma mill-ġdid l-impenn ta' prinċipju tagħha għall-unità, is-sovranità, l-indipendenza u l-integrità territorjali tal-Jemen, u għall-appoġġ tal-isforzi favur il-paċi tan-NU u tal-isforzi ta' medjazzjoni tal-Mibgħut Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti Hans Grundberg (UNSE). Dan jinkludi l-koordinazzjoni mill-qrib bejn il-Mibgħut Speċjali tan-NU, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri tal-UE. L-impatt tal-ħidma tal-UE huwa msaħħaħ aktar permezz tar-rappreżentanza f'formati internazzjonali ewlenin dwar il-Jemen u l-kooperazzjoni mas-sħab reġjonali u internazzjonali ewlenin. L-UE tappoġġa lill-President Rashad Al Alimi u l-għaqda tal-Kunsill ta' Tmexxija Presidenzjali (PLC).
3. Filwaqt li tfakkar fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni Konġunta dwar "Sħubija Strateġika mal-pajjiżi tal-Golf" tal-20 ta' Ġunju 2022¹, l-UE tafferma r-rilevanza tal-Jemen fil-kuntest tal-bini ta' sħubija strateġika mal-pajjiżi fir-reġjun tal-Golf, inkluż fl-oqsma tal-ħtiġijiet umanitarji u ta' żvilupp globali, u l-isfidi ta' sigurtà globali u reġjonali. Il-promozzjoni tal-paċi u l-istabbiltà, inkluż is-sigurtà marittima, u li jonqsu t-tensjonijiet fir-reġjun usa' tal-Golf, huma prijoritajiet għall-Unjoni Ewropea. L-UE tafferma wkoll l-ambizzjoni tagħha li tinvolvi ruħha fi djalogu u koordinazzjoni approfonditi mal-atturi reġjonali sabiex tippromwovi s-sigurtà u l-istabbiltà reġjonali. Meta jitqies l-impatt tal-konflitt Jemenit fuq is-sigurtà u l-istabbiltà reġjonali, l-UE tappella biex l-atturi internazzjonali u reġjonali jaħdmu b'mod kostruttiv mal-partijiet Jemeniti u tfaħħar l-isforzi tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf (GCC) u tal-pajjiżi ġirien li jappoġġaw l-isforzi għall-paċi fil-Jemen.

¹ JOIN(2022) 13 final, ippubblikata fit-18 ta' Mejju 2022.

4. Il-ħidma tal-UE mal-Jemen huwa marbut mal-interessi u l-impenji ewlenin tal-UE, inkluż: l-appoġġ għall-paċi u ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli; l-imperattiv umanitarju li jingħata appoġġ lill-poplu tal-Jemen; l-implimentazzjoni tal-Aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà madwar id-dinja; l-importanza tal-Jemen għal linji ewlenin ta' provvista ta' enerġija ibbażati fuq il-baħar u komoditajiet oħra, l-oġġettiv li jiġu żgurati s-sigurtà u l-istabbiltà tar-reġjun tal-Golf kif ukoll tal-Baħar l-Aħmar u l-Qarn tal-Afrika; u l-ħtieġa li tiġi evitata proliferazzjoni ulterjuri ta' organizzazzjonijiet terroristiċi.
5. L-UE tenfasizza l-ħtieġa ta' rispons għall-imperattiv umanitarju fl-appoġġ għall-poplu tal-Jemen. Ir-rispons internazzjonali għadu fil-biċċa l-kbira mhux ifffinanzjat biżżejjed, dan jinkludi l-għoti ta'sokkors umanitarju u l-appoġġ għall-iżvilupp fil-Jemen. L-UE hija impenjata wkoll li żżid l-assistenza għall-iżvilupp, f'konformità mal-proċess ta' paċi, u li tkompli tikkontribwixxi għall-bini mill-ġdid tal-ekonomija Jemenita ladarba tintlaħaq soluzzjoni politika dejjiema għall-konflitt. Enfasi addizzjonali fuq in-nisa u l-bniet ser tkun kruċjali.
6. L-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha għal proċess ta' paċi mmexxi min-NU u soluzzjoni inklużiva. Għalkemm l-2022 ġab miegħu aspettattivi għall-bidu ta' proċess ta' paċi abbażi tat-tregwa nnegozjata mill-UNSE, l-UE tiddeplora l-fatt li dan għadu ma seħħx. L-UE tfaħħar l-approċċ kostruttiv tal-gvern Jemenit matul it-tregwa u l-isforzi li għaddejjin minn atturi reġjonali, b'mod partikolari mill-Arabja Sawdija kif ukoll mill-Oman, fir-rigward tal-estensjoni tat-tregwa. L-UE ttenni l-appoġġ qawwi tagħha għall-UNSE Hans Grundberg u tappella lill-partijiet biex ikomplu jaħdmu b'mod kostruttiv miegħu. Jeħtieġ li l-isforzi jkunu diretti lejn waqfien mill-ġlied sostenibbli u dawn jeħtieġu appoġġ għall-proposti tal-UNSE għal proċess ta' qafas fuq tliet binarji (politiku, ta' sigurtà u ekonomiku) biex tinkiseb soluzzjoni ġusta u inklużiva għall-konflitt fil-Jemen, bil-parteċipazzjoni politika sħiħa, sinifikattiva u ndaqs tan-nisa fil-livelli kollha. L-appoġġ tal-UE huwa bbażat fuq approċċ integrat, li jkopri l-binarij kollha, u jiffoka fuq l-appoġġ u l-koordinazzjoni għall-medjazzjoni kif ukoll inizjattivi għad-djalogu u l-waqfien mill-ġlied.

7. L-UE tkeggeg lill-Houthis biex jabbandunaw il-pożizzjonijiet massimalisti u jaħdmu b'mod kostruttiv mal-UNSE, u tenfasizza l-importanza li terġa' tidħol fis-seħħ u tiġi estiża ulterjorment it-tregwa, kif ukoll li jinżammu u jiġu estiżi l-miżuri ta' akkumpanjament kollha, inkluż il-ftuħ mill-ġdid tat-toroq f'Taez u fi provinċji oħra, il-vjeġġi tal-fjuwil lejn il-port ta' Hodeidah u t-titjiriet kummerċjali lejn u minn Sana'a.
8. Filwaqt li hija allarmata bl-iskadenza tat-2 ta' Ottubru tat-tregwa maqbula miż-żewġ partijiet fit-2 ta' April 2022 u tikkundanna bil-qawwa l-attakki ripetuti bid-droni mill-Houthis fuq l-infrastruttura tal-portijiet fil-Jemen, li bdew bl-attakk kontra l-port ta' Al-Dabba fil-21 ta' Ottubru, l-UE tkeggeg b'mod partikolari lill-Houthis biex jilqgħu l-appell tal-UNSE għal kalma u trażżin filwaqt li jkomplu n-negozjati għal tiġdid u estensjoni tat-tregwa. Jeħtieġ li jieqfu l-attakki kollha. Attakki jew theddid ta' attakki fuq infrastruttura ċivili bħal installazzjonijiet ta' kumpaniji taż-żejt u tbaħħir kummerċjali li jopera fir-reġjun huma inaċċettabbli, inkluż bil-ħsieb tal-importanza tas-sigurtà marittima. Il-KSNU, li jinkorpora l-komunità internazzjonali dwar kwistjonijiet ta' paċi u sigurtà, iddeskriva l-attakk fil-21 ta' Ottubru bħala attakk terroristiku. L-UE ttenni t-tħassib tagħha dwar il-proliferazzjoni ta' teknoloġija sofistikata ta' missili u droni fir-reġjun.
9. L-UE ser tkompli tappoġġa l-Grupp ta' Ħidma internazzjonali dwar il-Waqfien tal-Ostilitajiet li jlaqqa' flimkien lin-NU, l-Istati Membri tal-UE, l-Istati Uniti u sħab internazzjonali oħra, kif ukoll il-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni, mitlub mill-UNSE, bejn l-atturi ta' medjazzjoni ta' Track II. Huwa essenzjali li tiġi appoġġata l-parteċipazzjoni politika sħiħa, sinifikattiva u ugwali tan-nisa fil-livelli kollha għal negozjati inklużivi li jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż is-soċjetà ċivili, in-nisa u ż-żgħażaġh.
10. L-UE hija impenjata għall-integrità territorjali tal-Jemen u l-ħtieġa ta' soluzzjoni inklużiva, tappoġġa l-isforzi tal-President Al-Alimi, u tistieden lill-partijiet kollha, inkluż il-Kunsill ta' Tranżizzjoni tan-Nofsinhar, biex jirrikonoxxu l-importanza fundamentali tal-unità tal-PLC għal paċi dejjiema fil-Jemen.
11. F'kuntest usa', l-UE laqgħet il-voti pożittivi tal-Jemen fl-Assemblea Ġenerali tan-NU li kkundannaw l-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u ssottolinjaw l-importanza tal-appoġġ kontinwu tiegħu għall-integrità territorjali tal-Ukrajna u għall-protezzjoni ta' ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli f'fora multilaterali.

12. L-UE tappella lill-partijiet fil-konflitt biex joqgħodu lura minn kwalunkwe ostilità u jirrispettaw bis-siġh id-dritt umanitarju internazzjonali. L-UE tteġġeg lill-partijiet biex jeħilsu lit-tfal rekrutati mill-forzi armati u biex jikkooperaw man-NU u ma' organizzazzjonijiet umanitarji oħra għall-integrazzjoni mill-ġdid fil-komunitajiet tagħhom. Il-partijiet iridu jiżguraw il-protezzjoni sħiħa u xierqa taċ-ċivili, speċjalment in-nisa u t-tfal u l-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, inkluż minoranzi reliġjużi, kif ukoll il-migranti, il-persuni li jfittxu l-ażil, il-persuni spostati internament u r-refuġjati fil-Jemen.
13. L-UE tibqa' estremament imħassba dwar is-sitwazzjoni umanitarja katastrofika fil-Jemen, fejn aktar minn 70 % tal-popolazzjoni jeħtieġu assistenza umanitarja u aktar minn nofs il-popolazzjoni qed tiffaċċa insigurtà tal-ikel akuta. L-UE tappella lill-partijiet biex jiżguraw aċċess sħiħ, sikur, rapidu u mingħajr xkiel għall-provvisti u l-persunal umanitarji, f'konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali u l-prinċipji umanitarji, mingħajr diskriminazzjoni għall-persuni kollha fil-bżonn, inkluż dawk b'diżabilità, fil-provinċji affettwati kollha. L-UE tappella għat-tneħħija immedjata ta' restrizzjonijiet amministrattivi u burokratiċi kbar madwar il-pajjiż, li jillimitaw l-aċċess umanitarju u l-attivitajiet ta' żvilupp, kif ukoll ir-rilaxx ta' persunal internazzjonali u lokali attwali u preċedenti ta' organizzazzjonijiet umanitarji. Aktar restrizzjonijiet, bħall-hekk imsejħa Mahram, imposti speċjalment mill-Houthis fuq il-ħaddiema umanitarji nisa huma inaċċettabbli.
14. L-UE hija mħassba dwar l-effetti tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna fuq il-Jemen fir-rigward tas-sigurtà tal-ikel, u qed tfitx soluzzjonijiet biex ittaffi l-impatt ta' din il-gwerra fuq l-integrità tal-ktajjen tal-provvista tal-ikel u l-kapaċità tal-produzzjoni globali. Minkejja l-ħtiġijiet umanitarji ġodda fl-Ewropa wara l-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, l-UE ser iżżid l-appoġġ umanitarju tagħha lill-Jemen għall-2022 u l-2023. Sa mill-bidu tal-kunflitt fil-Jemen, l-UE kkontribwiet aktar minn EUR 1.3 biljun f'assistenza u għadha mħassba bis-sitwazzjoni umanitarja mwieġhra fil-pajjiż.
15. L-UE ttenni l-appell tagħha lid-donaturi kollha biex jidderieġu l-appoġġ finanzjarju permezz tas-sistema umanitarja multilaterali, biex b'hekk tiġi żgurata azzjoni umanitarja u ta' żvilupp ikkoordinata sew u aktar effettiva. L-UE tappoġġa bis-siġh ir-rwol u l-preżenza tan-NU kif ukoll ta' organizzazzjonijiet umanitarji u ta' żvilupp oħrajn, biex joperaw fil-partijiet kollha tal-pajjiż.

16. Fattur ewlieni li qed iwassal għall-ħtiġijiet umanitarji fil-Jemen illum huwa l-istat tal-ekonomija, li teħtieġ approçc strutturali u fit-tul. L-UE tappella lill-partijiet u lill-atturi nazzjonali, reġjonali u internazzjonali biex jindirizzaw is-sitwazzjoni ekonomika mwiegħra fil-Jemen u tibqa' lesta u impenjata li tappoġġa l-elementi ekonomiçi tal-isforzi għall-paçi u l-irkupru fit-tul.
17. L-UE tenfasizza l-ħtieġa ta' monitoraġġ u dokumentazzjoni indipendenti u imparzjali kontinwi ta' ksur serju b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem, u l-integrazzjoni sħiħa tal-irfiġh ta' responsabbiltà u l-ġustizzja tranżizzjonali fil-proçess ta' paçi, filwaqt li tfakkar fir-rwol kruçjali tan-nisa. Hija tappella lill-partijiet Jemeniti, lill-pajjiçi fir-reġjun u lill-komunità internazzjonali ġenerali biex iżommu din il-kwistjoni fuq l-aġenda u jkomplu jesploraw opzjonijiet biex jistabilixxu mekkaniżmu indipendenti għall-prevenzjoni u l-indirizzar tal-impunità għall-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem biex tiġi evitata aktar tbatija għall-poplu Jemenit. L-UE tappella lill-partijiet biex jipprevjenu l-vjolenza sesswali b'rabta mal-konflitt u jadottaw impenji biex l-awturi tar-reati jinżammu responsabbli.
18. L-UE tappella lill-atturi kollha, b'mod partikolari lill-Houthis, biex jeħilsu lill-persuni maħtufa u lill-persuni kollha miżmuma illegalment jew arbitrarjament. Jeħtieġ li jieqfu l-atti ta' tortura u l-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, inkluż kontra difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u ġurnalisti. L-UE tappella wkoll lill-Gvern tal-Jemen u lill-Houthis biex jipproçedu bi skambji ulterjuri ta' priġunieri.
19. L-UE ttenni l-appoġġ sħiħ tagħha għall-Mekkaniżmu ta' Verifika u Spezzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Jemen (UNVIM), ser tkompli l-kontribuzzjonijiet finanzjarji tagħha, u tteġġeġ lil donaturi oħra biex jipprovdu appoġġ ukoll. L-UE tappella lill-Gvern tal-Jemen u lill-koalizzjoni biex jappoġġaw lill-UNVIM biex iwettaq l-attivitajiet ta' spezzjoni u verifika operazzjonali tiegħu f'Hodeidah, Jeddah, u l-Port King Abdullah.
20. L-UE tilqa' l-fatt li nkiseb finanzjament adegwat għall-bidu tal-Fażi 1 għal soluzzjoni għat-theddid ippreżentat mit-tanker FSO SAFER. L-UE tappoġġa l-isforzi mmexxija min-NU biex tiġi implimentata s-soluzzjoni maqbula. L-UE tteġġeġ lin-Nazzjonijiet Uniti biex jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex iwettqu l-pjan. Sa dak iż-żmien, għandha tingħata kunsiderazzjoni xierqa wkoll lill-ippjanar ta' kontinġenza f'każ ta' tnixxija, nar jew splużjoni, peress li l-perikli ambjentali jista' jkollhom konsegwenzi potenzjalment diżastrużi.

21. Is-sigurtà marittima għandha impatt qawwi fuq il-kummerċ marittimu internazzjonali. L-UE tinsab lesta li tintensifika l-isforzi tagħha biex tissaħħaħ il-fiduċja u jiġu promossi s-sikurezza u s-sigurtà marittima fir-reġjun usa' tal-Golf u l-Baħar l-Aħmar. L-Operazzjoni Atalanta ta' EUNAVFOR u l-implimentazzjoni tal-kunċett ta' Preżenzi Marittimi Koordinati fl-Oċean Indjan tal-Majjistral, kif ukoll kooperazzjoni u koordinazzjoni msaħħa mal-inizjattiva ta' Għarfien tas-Sitwazzjoni Marittima mmexxija mill-Ewropa fl-istrett ta' Hormuz (EMASOH), li jikkomplementaw lil xulxin, ser jikkontribwixxu għal dan.
-